# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar il-12 ta' Ottubru, 2022

Avviz tat-Talba numru: 339/2021 CL

It-Tribunal;

**Sergio Darmanin (KI nru 0490873M)**

**VERSUS**

**Alessandro Militello (YA9045949) u Isabella Patamia f'isimhom propji u f'isem is-socjeta B&B Boat Sailing Ltd (C74920)**

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-19 ta' Novembru, 2021 fejn l-attur kien jopera fil-qasam finanjarji u joffri servizz tal-awditur fejn l-konvenuti f'ismhom personali, kif ukoll f'isem is-socjeta intimata talbu l-uzu tas-servizzi differenti relatati mal-finanzi tal-kumpanija. Illi skond l-ahhar statement li inhareg fit-12 ta' Awwissu 2021, l-ammont dovut kien ta' elfejn seba' mija u erbghin Euro (€2,740), liema ammont dovut baqa' qatt ma thallas minkejja diversu interpellanzi u ghalhekk il-konvenuti f'isimhom personali u f'isem is-socjeta intimata huma debituri tal-attur. Ghaldaqstant talab sabiex il-konvenuti jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu l-ammont ta' elfejn seba' mija u erbghin Euro (€2,740), liema ammont huwa dovut ghas-servizzi tal-attur.Bl-ispejjez u l-imghaxijiet kollha inkluz tal-mandat tas-sekwestru li gie ipprezentat kontestwalment mat-talba.

Ra ir-risposta li giet ipprezentatat fl-20 ta' Dicembru 2021, fejn intqal illi s-socjeta attrici naqset gravament u mhija dovuta l-ebda ammont stante li it-talba qieghda tigi ikkontestata ghax hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez. Il-konvenuti Alessandro Militello u Isabella Patamia m'ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta rikorrenti stante li s-servizzi gew rezi lil B&B Boat Sailing Ltd, li hija registrata Malta u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti naqset milli trendi servizzi skont l-arti u s-sengha b'konsegwenza dannuzi gravi lis-socjeta intimata li kellha tinkori multi kbar kif ser jigi ipprovat fil-mori tal-procedura.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fil-25 ta' Mejju 2022, gie ipprezentat l-affidavit tal-attur fejn qal illi hu jahdem bhala accountant u auditor taht l-isem DACA u ghandu l-ufficini Fgura. Ipprezenta statement b'spjegazzjoni dwar l-ammont mitlub li jinkludi registered office ghal tlett snien u audit tas-sena 2017. Hu kien ghadu jircievi ittri tal-konvenuti ghax ir-registered office tbiddel fil-24 ta' Marzu 2021. Fl-2019 Alessandro kien infurmah illi kien ser jitrasferixxi lejn Ghawdex u ghalhekk ma kellux bzonn s-servizzi tieghu aktar. Ghalkemm kiteb lil-konvenuti diversi drabi biex jhallas, baqa' inadempjenti. Hu iddikjara li ghalaq il-provi u l-kawza thalliet ghal-provi konvenut. Fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2022, l-avukat tal-konvenuti irrinunzja ghal-patrocinju u ghalhekk il-kawza regghet thalliet ghat-tieni darba ghal-provi konvenuti. Fl-4 ta' Lulju 2022 la l-konvenuti u lanqas rapprezentant legali taghhom ma dehru u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-setenza.

Ikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"

Ra li li minkejja li l-konvenuti kellhom zewg seduti ghal-provi ma tressqet l-ebda prova minnhom li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attur m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, jhallsu lill-attur is-somma ta' elfejn seba' mija u erbghin Euro (€2,740), bl-imgħax legali mid-19 ta' Novembru 2021, sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a spejjes tal-konvenuti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**